# META SAN MIKIEL SALVA L-HAJJA TA' MORIN AMERIKAN FIL-KOREA



*Dan li ser taqra hija storja vera ta' Morin Amerikan li safa ferut fil-Korea fis-sena 1950. Meta kiteb lil ommu, irrakontalha l-esperjenza affaxxinanti li habbat wiccu maghha waqt it-taqbid. Father Waler Muldy, li kien il-kappillan tan-Navy Amerikana, u li tkellem maz-zaghzugh morin u ma' ommu kif ukoll mal-kmandant, dejjem afferma l-verita' ta' din il-grajja.*

*L-istorja waslet ghandna minn xi hadd li qara l-ittra originali, li z-zaghzugh Michael kiteb lil ommu mill-isptar waqt li kien qed ifieq minn feriment.*

Ghaziza Ommi,

Qed niktiblek minn fuq is-sodda gewwa l-isptar. Ma, jiena kollox sew, Sfajt ferut, imma t-tabib qed jghidli li ma ndumx ma nigi mill-gdid fuq saqajja.

Imma mhux dak li irrid nghidlek permezz ta' din l-ittra ghaziza ommi. Gratli xi haga li nibza' nirrakontaha billi ma nitwemmix. Imma rrid nirrakontaha lilek, l-unika persuna li fiha nista' nafda', ghalkemm anke inti tista' issibha bi tqila biex temminni.Tiftakar fit-talba lil San Mikiel li inti ghallimtni meta kont ghadni zghir: Michael, Michael of the Morning… It-talba hija din:

Michael, Michael of the morning,
Fresh corps of Heaven adorning,

Keep me safe today,
And in time of temptation
Drive the devil away.

Amen.

Angel of God Prayer
Angel of God, my Guardian dear,
To whom God's love commits me here,
Ever this day be at my side,
To light, to guard, to rule and guide.

Amen

Qabel hallejt id-dar ghal Korea, heggigtni biex nirrecita din it-talba qabel nitqabad ma’ l-ghadu. Ma kienx hemm bzonn li tfakkarni ghaliex dejjem irrecitajtha. U meta wasalt il-Korea kont nghidha mhux darba, izda aktar matul il-jum waqt li nimmarcja jew nistrieh.

Jum wiehed konnna ordnati biex nitkixxfu l-inhawi qabel jidhlu fl-azzjoni s-suldati taghna. Kienet gurnata tassew kiesha. Hekk kif kont miexi ftit maqtugh minn shabi, rajt kumpann iehor miexi hdejja u fittixt nara min kien.

Kien persuna ta’ statura kbira, morin twil  sitt piedi u 4 pulzieri. Tassew stramba, imma ma kontx nafu.  Jiena hsibt li kont naf lil kulhadd fl-unita’ tieghi. Insomma kont ferhan li kelli kumpannija u ksirt is-silenzju bejnitiena.

“Illum il-kesha, hux?” Li nibda’ diskursata ma’ skonoxxut billi nsemmi t-temp kienet xi ftit barra minn lokha ghaliex wara kollox konna qed infittxu lil l-ghadu. ”Hsibt li naf lil kulhadd,” komplejt, “ imma jkolli nistqarr li qatt ma rajtek qabel.”

“Ghandek raguni,” wegibni, “ Ghadni kemm inghaqadt issa mar-rigment. Ismi huwa Michael.”

“Tassew dak huwa ismi wkoll,” wegibtu lura.

“Naf,” qal il-morin. U haga ta’ l-ghageb irrepeta t-talba li kont nghid kuljum, Micheal, Michael of the morning….

Staghgibt kif kien jaf ukoll din it-talba tieghi. Imma mhux daqstant ghaliex jien kont ghallimtha lil haddiehor, allura kkonkludejt li dan il-morin il-gdid seta’ semaghha minghand haddiehor. Fil-fatt xi whud minn shabi kienu jsejhuli *San Mikiel.*

Imbaghad bhal lehha ta’ berqa, Michael qalli: “ Ma ndumux ma nhabbtu wiccna ma’ l-inkwiet.”

U hekk kien. Dak il-hin beda’ niezel silg bil-qawwa hekk li jiena ma stajtx nara. Bzajt xi ftit u ghajjat “Michael”. Imbaghad hassejt id qawwija tinzel fuq spallti u tassigurani li ma jdumx ma jiccara. U ccara f’daqqa wahda. U ftit metri ‘l boghod minna rajna seba’ sudati korejani bl-ixubetti imdawra ghal fuqna, fid-direzzjoni taghna.

“Tbaxxa Micheal,” werzaqt jiena, waqt li nxhet fl-art biex insib ftit tal-kenn mill-ballal li kienu sparati ghal fuqna. Rajt lil Micheal wieqaf qisu paralizzat mill-biza’ jew ghal anqas hekk hsibt jiena. Ma, ma kien hemm ebda spejgazzjoni kif dawk il-ballal sparati f’dik id-distanza hekk qasira jimmisjawna. Qomt biex nigbdu ‘l isfel u kien dak il-hin li laqtitni balla. L-ugigh kien bhal nar qawwi jahraq gewwa sidri, u hekk kif waqajt fl-art hassejt rasi iddur bija u ghidt bejni u bejn ruhi: “Hawn jiena qed immut.” Xi hadd kien qed izommni waqt li kont mitluq fuq is-silg, dirghajn sodi u ta’ sahha kienu qed izommuni. Kien Michael li dak il-hin fuq wiccu dehret glorja kbira. Bdejt narah jikber u jikber u hekk kif naqra naqra bdejt nintilef minn sensija lmaht li Michael kellu xabla f’idu.

Meta gejt f'sensija, is-surgent u shabi gew jarawni.

"Kif irnixxilek taghmilha?", staqsieh is-surgent.

"Fejn hu Michael?"

"Michael, min?". Is-surgent bhal donnu beda' jithawwad.

"Michael, il-morin ta' statura kbira, li kien hdejja sa l-ahhar mument."

"Ibni," qallu s-surgent," inti l-uniku Michael fir-rigment tieghi. Mieghek ma kellek lil hadd. Kont qed nghassek ghaliex kont pjuttost 'l boghod minna u kont ninsab inkwetat minhabba fik."



Is-surgent rega' tenna: " Kif irnexillek taghmilha?"

Meta saqsieni ghat-tieni darba hassejtni rritat.

"Kif ghamilt x'xiex? Ma nistax nifhmek, surgent."

"Kif qtlit dawk is-seba' suldati meta ma kienx hemm balla wahda sparata mill-ixkubetta tieghek?"

"Kif inhi din?"

" Dawk is-seba' suldati kienu mifruxin madwarek, kull wiehed maqtul b'daqqa ta' xabla."

"U dik hi, ma, l-avventua tieghi. Taghlaq hawn. Ma naf naghti ebda risposta ghal dak li sehh. Biss jiena cert minn haga wahda. Kien San Mikliel li ghenni waqt il-bzonn.

Ma inhobbok

Berikni

Ibnek Michael